Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 183
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2010

# Sparar u ħuġġieġa lejliet San Ġwann

**Id-dokument numru mija tlieta u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu relatat mal-ispejjeż magħmula mill-Università ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-mixgħela u n-nar ta' lejliet il-festa ta' San Ġwann Battista. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 26v (NAG, UG, *Acta*, 10/1709–1710, f. 26v).**

Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

*Magnifico Notaio Gio Francesco Debono, tesoriere di questa Università, tratenerete in nostro potere Scudi quattro, tarì dieci, e grani dieci di moneta che havete speso; cioè Scudi tre per prezzo di ivx (? = quattordici) botti (?); tarì sei per nolo da Malta; grani 10 loro portatura sino alla marina; tarì sei alli burdonari per loro trasporto; tarì cinque per paglia; tarì uno per portata di detta paglia; tarì due a Vittorio Grech, serviente, e tarì due a Lazzaro Grech per haverli piantati e posti al luogo e fatto la luminaria; e ciò per la luminaria fatto nella sera della vigilia della festività di San Giovanni Battista di quest'anno corrente 1710; quali ponerete a' nostri conti, questa dì, li 24 giugno 1710.*

Il-patrun tal-Ordni tal-Kavallieri kellha bħala patrun tagħha lil San Ġwann Battista. Il-Knisja Konventwali tal-Ordni fil-Belt Valletta kienet iddedikata lilu. Jum il-festa, nhar l-24 ta' Ġunju, kienet vaganza pubblika u festa kmandata. Il-festa kienet issir Għawdex ukoll u sa minn tmiem is-seklu sittax kienu jsiru l-ħġejjeġ ta' San Ġwann u fjakkolata mad-dawra tas-swar taċ-Ċittadella (ara dokument 39).

Tliet mitt sena ilu, din il-festa kienet għadha ssir bil-kbir. Kmieni f'Ġunju 1710, l-Università awtorizzat lin-Nutar Franġisk Debono, it-teżorier tagħha, biex jakkwista minn Malta erbatax-il *botta* għal din il-festa.

*Botti* mill-Isqalli *bbottu* tfisser, fost l-oħrajn, sparatura jew murtal. Il-fatt li tħallas prezz tajjeb ħafna ta' tliet skuti għal dawn il-*botti* jagħtik x'tifhem li jista' jkun li l-kelma fil-kuntest tirreferi għal maskli. Tant li bl-Isqalli l-kelma *botta* u maskla ġie li jinbidlu ma' xulxin: *faricci fari um-bottu comu un tappu di masculu*. Dan u tagħrifa qasira wara, fejn jingħad li dawn il-*botti* kienu pjantati jew imħawla, jagħtik x'tifhem li fil-fatt inxtraw maskli ġodda.

Il-maskla tixbaħ il-kanna jew it-tromba ta' kanun żgħir u kienet tkun tal-bronż. Bħal kanun kien ikellha toqba fin-nofs biex fiha jitpoġġa l-porvli. Fil-ġenb, in-naħa ta' isfel, bħal kanun ukoll, kien ikellha toqba ċkejkna tinfed mal-kanna biex minnha tiddaħħal in-niċċa (illum igħidulha wkoll *fuse*).



Ix-xiri ta' dawn l-erbatax-il *botta* swew tliet skuti – somma konsiderevoli, iżda dawn kienu tal-bronż. It-trasport tagħhom mill-Ferrerija tal-Ordni, fejn aktarx kienu saru, sax-xatt tal-Belt sewa għaxar ħabbiet. Il-Ferrerija kienet hekk kif tidħol il-Belt, jiġifieri kienet distanza qasira. In-*nolo* jew *nolu*, jiġifieri t-trasport tagħhom bil-baħar minn Malta għal Għawdex, sewa sitta rbgħajja. Il-burdnara li ġarrew il-*botti* mix-Xatt sar-Rabat fuq xi karettun ħadu sitta rbgħajja.

Għall-ħuġġieġa, intefqu wkoll ħamsa rbgħajja biex inxtara t-tiben u irbiegħi ieħor biex dan it-tiben ittieħed mingħand min inxtara sal-post tal-ħuġġieġa. Id-dokument ma jindikax fejn saret il-ħuġġieġa, iżda hemm ħjiel minn dokumenti oħra li din kienet issir fejn hemm is-Salib tat-Tiġrija. Kienu jmorru l-folol għall-ispettaklu

Vitor Cassar, is-servjent tal-Università, u Lazzru Grech ingħataw rbigħajn kull wieħed talli ħadu ħsieb kollox. Dawn riedu jimlew il-maskli bil-porvli u jrossuh sewwa b'injama tonda ħalli tidħol tajjeb fit-toqba. Wara kienu jdaħħlu n-niċċa magħmula minn porvli iswed magħġun mit-toqba t'isfel. Dawn kienu jħawluhom parzjalment fil-ħamrija biex ikunu sodi u ġie li kienu anki jirfduha bil-knaten tal-franka. X'ħin kollox ikun lest kienu jaqbdu kitla bil-porvli u jroxxu serbut porvli mal-art min-niċċa għal oħra. Kienu jgħaqqdu niċeċ ma' xulxin skont is-salut li jkunu jridu jagħtu. Iktar kemm il-maskla kienet tkun kbira, iktar kienet tagħmel sparatura qawwija. Meta jasal il-mument kienu jqabbdu is-serbut porvli u l-maskli, jisparaw waħda wara l-oħra.

B'kollox intefqet is-somma ta' erba' skuti, għaxra irbgħajja, u għaxar ħabbiet (ma' €0.97) għall-ħuġġieġa ta' lejliet San Ġwann Battista tas-sena 1710.